Newspaper Post

# Żminijietna

żminijietna lehen ix-xellug

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 29 Jannar - Marzu 2016 40c



Intervista mal-kittieb u politiku xellugi Dr Mohammed Hassan Ali mwieled is-Somalja fejn illum qed jgħix il-Belġu flimkien mal-familja tiegħu. Huwa jagħti l-analiżi tiegħu dwar id-differenza li teżisti fil-pajjiżi Għarab bejn l-ideja ta' Stat Sekulari u dak Iżlamiku. *(Segwi dan f'paġna 4).*

*Malta qed taqbad rotta Neoliberali*

# GVERN LI QED IBIGĦ KOLLOX

Il-Partit Laburista immexxi minn Joseph Muscat rebaħ l-elezzjoni tal-2013 bil-wegħda li Malta Tagħna Lkoll, li l-ambjent ser jiġi protett, li ser ikollna l-aqwa servizzi soċjali fl-Ewropa u li f'pajjiżna ser tinkiteb paġna ġdida fl-istorja politika.

Hekk kif għaddew kważi 3 snin ta' Gvern Laburista, jidher li dawn il-wegħdi m'humiex qegħdin jitwettqu. Malta tidher li saret biss ta' dawk fil-qalba tat-tmexxija ta' Muscat tas-segwaċi leali tagħhom, u ta' interessi kbar kapitalisti li jridu jaħkmu lill-pajjiżna.

Wieħed jifhem li karigi strateġiċi fis-servizz pubbliku jingħataw lill-persuni li lesti li jikkoperaw mal-partit fil-gvern, iżda dan bl-ebda mod m'għandu jfisser li l-meritokrazija, it-trasparenza u l-kontabilitá jintremew sabiex ipappuha l-klikka li ħakmet lill-Partit Laburista. Din it-tmexxija 'tagħhom biss' qed tikkaratterizza is-servizz pubbliku, entitajiet pubbliċi, kuntratti tal-gvern, u deċiżjonijiet f'oqsma varji.

L-ambjent jidher li hu fil-qiegħ tal-prijoritajiet tal-Gvern ta' Muscat. Pajjiżna sar qisu supermarket fejn kollox hu għal bejgħ, u fejn interessi kapitalisti qed igawdu minn dan l-isfreġju. Il-każ tal-bejgħ ta' art b'kirja għal 99 sena fiż-Żonqor u f'Bormla lil-Kostruttur Ġordaniż Sadeen sar b'nuqqas kbir ta' trasparenza u b'proċess ta' konsultazzjoni fażulla. Il-Gvern jidher ukoll li ma jrid jieħu l-ebda azzjoni kontra żvilupp illegali bħal dak ta' Montekristo.




Bosta servizzi pubbliċi qed jiġu privatizzati, u ma jidhirx li s-servizz qed jitjieb. Il-każ tat-trasport pubbliku hu xiedha ċara ta' dan. Il-prezz tal-biljett għola, bosta rotot sparixxew, u s-servizz m'humiex ta' min jorbot fuqu. Bosta aspetti tas-servizz tas-saħħa u enerġija qed jiġu privatizzati ukoll, u jidher li interessi kapitalisti kbar qed jingħataw preferenza fuq il-ħaddiema, il-konsumaturi u l-interessi strateġiċi ta' pajjiżna. Altru milli l-aħjar fl-Ewropa, Malta tidher li qed taqbad rotta neo-liberali f'diversi oqsma.

Aspetti pożittivi tal-Gvern Laburista, bħad-drittijiet ċivili u estenzjoni ta' servizzi edukattivi u ta' childcare, qed jiġu sfumati mir-rotta negattiva f'oqsma oħra li qabad il-Gvern Laburista. Dan hu ta' tħassib kbir għal xellugin ġenwini. Għandu jkun hemm riflessjoni, djalogu u attiviżmu li jaħdmu sabiex il-mewġa ta' Malta 'tagħhom biss', tingħeleb u sabiex Malta timxi lejn triq ta' ġustizzja soċjali, sostenibilitá ambjentali u ekonomija li taħdem fl-interess pubbliku.
*(ara aktar fuq il-gvern f'paġna 6)*

## Spanja jirbaħ fil-maġġoranza x-Xellug

Fl-Elezzjonijiet riċenti l-partiti tax-xellug b'kollox rebħu 159 siġġu bejniethom f'parlament ta' 350 siġġu, bil-katalani jilgħabu rwol importanti fil-formazzjoni tal-Gvern il-ġdid. Il-koalizjoni tal-lemin b'kollox ġabet 123 siġġu.

S'intendi l-elezzjoni fetħet front xellugi u nazzjonalista li jekk jingħaqad (li sa llum l-affarijiet għadhom inċerti) jista' jifforma Gvern ta' koalizjoni bħalma ġara fil-Portugall. Imma kif qed ibassru ħafna huwa ferm diffiċli li dan iseħħ. Jekk le, il-pajjiż ikollu jerġa jmur għall-elezzjoni bikrija.

L-iktar partiti li għamlu suċċess kienu l-partit popolari xellugi radikali tal-Podemos u l-partit liberali taċ-ċittadini Ciudadanos.

## Ix-Xellug Radikali, Komunista u Ekoloġista fi tmexxija fil-Portugall

Il-pajjiż tal-Portugall llum hu mmexxi minn koalizjoni taċ-ċentru xellug, xellug radikali, komunista u ekoloġista.

L-għaqda seħħet biex twaqqaf il-mewġa neoliberali ta' awsteritá li kienet qed tifni l-poplu minn qgħad kbir, faqar u prekarjetá. S'intendi l-esperiment ta' din il-koalizjoni għad irid jiġi espress fil-prattika peress li l-formazzjoni tgħaqqad fiha partiti wiesgħa tax-xellug li ideoloġikament hemm differenzi bejniethom.

Imma kif jgħidu fil-politika kollox jista' jiġri u li dak li xi darba kien anatema, llum jista' jsir.

Dak li ġara u qed iseħħ fl-Amerika Latina huwa ta' eżempju fejn mingħajr l-għaqda fost ix-xellug huwa ħafna aktar diffiċli li jkollok tmexxija xellugija. Fil-Veneżwela l-għaqda sfaxxat, filwaqt li fl-Urugwaj l-għaqda xellugija hi tant b'saħħitha li f'temp ta' għaxar snin li ilha tiggverna waslet biex 90% tal-enerġija tal-pajjiż tiġi minn enerġija li tiġġedded (windfarms). Dana se jwassal biex jgħin ħafna familji foqra. It-tmexxija xellugija fl-Urugwaj hi waħda wiesgħa miċ-ċentru xellug, sa xellug radikali, dak progressiv, ekoloġista u komunista.

Għalhekk l-eżempju tal-Urugwaj jżomm ħaj l-ispirtu xellugi ta' moviment maqgħud li jista' jittrasforma s-soċjetá għal soċjetá aktar ġusta u ekoloġika.

*Ġewwa...*


- ***L-Editorjal - Universal Basic Income***
- ***Mil-lenti kulturali - Intervista ma' Joel Sciberras li huwa Direttur tal-Malkipso Studios.*** - *Maryanne Zammit*
- ***Is-soluzzjoni tal-Vjolenza*** - *Mark Montebello*
- ***Il-Missier Ġenetiku*** - *Josephine Gatt Ciancio*
- ***Il-politika tax-Xellug prattikabbli*** - *Michael Camilleri*

# PIERRE-JOSEPH PROUDHON

***minn Alfred Consiglio***

L-aspirazzjonijiet liberali tal-1789 sabu vuċi qawwija ta' akkużi u sfidi minn Pierre-Joseph Proudhon (1809-1865/ritratt xellug).



Huwa kellu s-sens tajjeb li jifhem li mir-rivoluzzjoni 'l quddiem ma kien ġara xejn għajr forom ġodda ta' fewdaliżmu, il-burokrazija tal-istat, tal-armata u tal-Knisja, tal-borgeżija li l-interessi tagħha kienu biss li ssir sinjura.

Il-ħaddiema tkarbu taħt it-toqol ta' dawn il-moħqrijiet kollha. Proudhon ikkonfronta dawn il-forzi bis-sejħa tiegħu għal anarkiżmu. Huwa espona l-ħażin f'kull awtorità, kemm jekk reliġjuża, statista jew propjetarja. Huwa ħambaq fuq 'soċjaliżmu integrali', is-soċjaliżmu ta' emanċipazzjoni vera u kompluta.

Proudhon għamel minn kollox biex jgħaqqad lill-ħaddiema għal azzjoni komuni. Huwa kellu fidi fit-tendenzi federattivi tal-kotra li kienet stabbilit grupp lokali biex tadotta l-ħtiġiet ekonomiċi u l-eżistenza vera tagħha. Dawn il-forzi kienu attakkati mill-istatiżmu fl-interess tal-monopolji tal-propjetà u tal-poter.

Proudhon huwa magħruf permezz ta' xogħlijiet fosthom ***Les Confessions d'un Révolutinnaire pour servir à l'histoire de la révolution de février*** (Il-Qrara ta' Rivoluzz-jonarju biex isservi lejn l-istorja tar-rivoluzzjoni ta' Frar), li analizzat il-manuvri tal-gvern u l-mistifikazzjoni u l-istupidaġni magħmulin mill-partijiet awtoritarji matul parti mill-1848.

Kiteb ukoll ***Idée générale de la révolution au XIXe siècle*** (Idea Ġenerali tar-Rivoluzzjoni fis-seklu dsatax). Il-kollezzjoni tal-***Correspondence*** tiegħu hija l-opra monumentali; it-teħbira u l-analiżi tagħha għadhom iħallu impatt qawwi.

Proudhon jagħmel analiżi ċara ħafna tal-gvernijiet, tal-politiċi, il-borgeżija, nazzjonaliżmu u l-idejn iħufu ta' dawk l-istituzzjonijiet kollha fi bwiet il-poplu f'ħafna okkazzjonijiet. Ħassieb bħal Proudhon seta' biss jifformula prepożizzjonijiet prattiċi li kienu ta' xeħta personali.

L-akbar xogħol tiegħu jibqa' l-kritika lejn l-awtorità u l-'patt' li jservi ta' ħolqa bejn il-partijiet li jiddeterminaw in-natura tar-relazzjonijiet reċiproċi.

Dawn l-ideat kellhom ikunu mifhumin u mpoġġijin fil-prattika minn individwi li huma stess riedu jkunu ħassieba kuraġġużi.

Ħafna kienu mpressjonati bil-kritika ta' Proudhon lejn l-awtorità u wkoll lejn soċjaliżmu awtoritarju. Fi Franza kemm ħbieb ta' Proudhon, bħal ma kienu Georges Duchêne (1824-1876),[1] Charles Beslay (1795-1878),[2] Gustave Chaudey (1817-1871),[3] jew segwaċi bħal Robert Luzarche (1845-1871)[4] u Henri Tolain (1828-1897),[5] kollha kienu influwenzati minn kitbietu.

Fl-1868 il-poeta żgħażugħ Eugene Vermersch (1845-1878),[6] li kiteb ***Père Duchêne***, sejjaħ lilu anarkist. B'kuntrast ma' din l-influwenza intellettwali, fl-Internazzjonal kien hemm sejħiet dejjem jiżdiedu għal kollettiviżmu.

Fil-Belġju, bejn is-snin 1830 u l 1870, kien hemm individwi li l-ħsieb tagħhom kien aktar liberali għax ma kienux distratti mill-awtoritarjaniżmu li kien dominanti f'Pariġi. Il-Belġju kien il-pajjiż fejn il-Proudhoniżmu kien iddibattut u mxerred sew. Il-Proudhoniżmu influwenza l-editur tal-ġurnal *Le Proudhon* li l-ewwel ħarġa tiegħu dehret fit-12 ta' April 1884; il-pubblikazzjoni ta' dan il-ġurnal kienet ippjanata miż-żagħżugħ E. Potelle (1852-1884).

Mill-1840 is-soċjalisti Ġermaniżi kienu influwenzati mill-Proudhoniżmu. Dawn inkludew lil Max Stirner (1806-1856),[7] Arnold Ruge (1802-1880),[8] Carl Vogt (1817-1895), Alfred Meissner (1822-1885)[9] u Ludwig Pfau (1821-1894).[10] James Guillaume (1844-1916)[11] li fuq insistenza ta' Bakunin, u li kien influwenzat ukoll minn Proudhon, kiteb ***L'Anarchie selon Proudhon*** (Anarkija skond Proudhon).

Plotino Rhodokanaty,[12] li kien jgħix fil-Messiku, ittraduċa ***L'Idée générale de la révolution ay XIXe Siècle*** fl-1877. Fl-Italja kemm Giuseppe Ferrari (1811-1876),[13] Saverio Friscia (1813-1886)[14] u wkoll Nicolò Lo Savio (1832-1911)[15] kienu influwenzati mill-ħsieb Proudhonist.

Però kien fi Spanja li l-ideat ta' Proudhon sabu aċċettazzjoni ferventi. Ix-xogħol monumentali ta' Francisco Pi y Margall (1824-1901),[16] ***La Reacción y la Revolución. Estudios Politicos y Sociales*** ma kienx jinkiteb kieku l-awtur ma kienx familjari max-xogħlijiet ta' Proudhon. Spanjol ieħor, Ramón de la Sagra (1798-1871)[17] ukoll kien familjari mal-kitba ta' Proudhon.

Fl-Ingilterra u l-Istati Uniti, l-ideat ta' Proudhon ftit kellhom suċċess. Benjamin Tucker (1854-1939) u John Beverley Robinson (1853-1923)[18] ittraduċew diversi xogħlijiet; ***The General Idea of the Revolution in the 19th Century*** deher fl-1923 f'Londra stampat minn *Freedom Press.*

Marx kellu stmellija kbira għal Proudhon u pprova jwaqqa' t-teoriji tiegħu fl-1847. It-tabib Ġermaniż, Arthur Mülberger (1847-1907), iddedika ħajtu jistudja lil Proudhon, u ġibed l-attakki ħorox ta' Engels; Mülberger ippubblika fl-1899 bijografija ta' Proudhon.

Gustav Landauer (1870-1919) fil-ġurnal tiegħu *Sozialist,* matul is-snin 1909-1915, kien affaxxinat minn Proudhon, u stampa siltiet minn xogħlu; huwa pprepara wkoll it-traduzzjoni tal-ktieb ta' Proudhon ***La Guerre et la paix*** (Gwerra u Paċi).

Fi Proudhon wieħed isib in-natura kostruttiva tal-ideat tiegħu. Il-vuċi tiegħu kienet appell kostanti lejn ir-raġuni u s-sens komun. Kien Proudhon li qanqal il-biża' u l-mibegħda tal-borgeżija fis-seklu dsatax. Kliemu, 'Propjetà hija serq' ħejja daqqa sew għar-rivoluzzjoni.

*Noti:*

*1. Ġurnalist u ħabib ta' Proudhon, u ko-editur miegħu ta' Le Représentant du Peuple.*

*2. Inġinier u kittieb soċjalist Franċiż; ħabib ta' Proudhon u membru tal-Internazzjonal u l-Komun ta' Pariġi.*

*3. Avukat u ġurnalist Franċiż; xkubettjat matul il-Komun ta' Pariġi.*

*4. Dixxiplu ta' Proudhon, editur tal-ġurnal La Rivhe gauche.*

*5. Politiku Franċiż u wieħed mill-fundaturi tal-Internazzjonal.*

*6. Kittieb, poeta u ġurnalist, membru tal-Komun ta' Pariġi.*

*7. Kittieb u filosofu Ġermaniż.*

*8. Editur ta' Hallische Jahrbücher; ħabib ta' Bakunin.*

*9. Drammaturgu u poeta Ġermaniż.*

*10. Poeta u kittieb radikali Ġermaniż; ittraduċa xogħlijiet ta' Proudhon.*

*11. Membru tal-Internazzjonal, editur ta' Le Progrès; ħabib kbir ta' Bakunin.*

*12. Ħajjat Grieg; fl-1861 mar jgħix fil-Messiku u waqqaf fl-1870 il-Gran Circolo de Obreros de México.*

*13. Storiku u politiku Taljan.*

*14. Anarkist minn Sqallija, ħabib ta' Bakunin u Proudhon.*

*15. Avukat u kittieb soċjalist Taljan; fl-1860 kien f'kuntatt ma' Bakunin meta dan żar Firenze.*

*16. Ġurist u kittieb Spanjol; President ta' Spanja.*

*17. Kittieb ta' suġġetti ekonomiċi u botaniċi.*

*18. Perit u anarkist*



*Editorjal*

# L-Ideja ta' 'National Basic Income'

Finland qed tippjana li tagħti kull ċittadin tagħha adult paga bażika ta' €800 fix-xahar. Infatti l-gvern qed jħejji pjan biex jagħmel dan. Proposta finali toħroġ f'Novembru ta' 2016. Dana se tagħmlu billi twarrab għall-kollox l-benefiċċji soċjali kollha u minflok tagħti din il-paga bażika.

Diversi bliet fl-Olanda wkoll se jintroduċu dan il-kunċett matul din is-sena, filwaqt li Switzerland se jagħmel referendum fuq dan is-suġġett.

Jidher li fil-Finlandja ma' 69% tal-poplu hu favur dan il-kunċett ta' paga bażika. Il-partiti maġġuri huma favur tagħha wkoll. Il-klassi politika qed tħares lejha bħala simplifikazzjoni tas-sistema tas-sigurtá soċjali.

Lill hinn mil-Finlandja, dan il-pjan qed jqajjem tħassib kbir. Ħafna qed jistaqsu għala qed tiġi proġettata bħala ideja tajba din u kif ser titħaddem. Jista' jkun li din twassal biex jitkisser il-welfare state, u xi ngħidu għall-ġlieda kontra xogħol prekarju.

Il-Pjan tal-Gvern fil-Finlandja hu wieħed biex jiġi miġġieled il-qgħad li jlaħħaq 9.53%, billi b'hekk in-nies jaċċettaw jaħdmu f'xogħolijiet b'pagi baxxi. Fil-preżent ħaddiema fil-Finlandja li jaħdmu b'xogħol temporanju (prekarju) u pagi baxxi huma ntitolati għal ftit li xejn benefiċċji soċjali, u għalhekk qegħdin f'riskju ta' faqar.

S'intendi waħda mil-mistoqsijiet li qed tqum fuq dan il-kunċett hu kemm se tiġi tiswa flus lill-Gvern biex tiġi applikata fil-prattika, *(għalkemm il-gvern qed jgħid li tiġi irħas)* kif ukoll il-unjins qed jqajmu tħassib għalfatt li l-pajjiż se jmur għall-politika ekonomika ta' aktar ħaddiema mħallsa b'pagi baxxi, li allura dan ifisser aktar sfruttament fid-dinja tax-xogħol u s'intendi hemm il-biża li l-ġlieda kontra l-prekarjetá u l-faqar tintilef, aktar milli tintrebaħ.

Donnu li neoliberaliżmu qed jirbaħ fid-qasam tax-xogħol b'aktar flessibilitá ma' prekarjetá, insigurtá ta' mpjieg, pagi baxxi u anqas saħħa u sigurtá fuq il-post tax-xogħol.

Ix-xellug m'għandux jgħaġġel jappoġġja proposta bħal din għax jista' jkun li kif jiġri dejjem se jkun hemm it-telliefa. Jista' jkun li dawk li qed jieħdu l-benefiċċju tad-diżabilitá u oħrajn li qed jieħdu l-benefiċċju tal-akkomodazzjoni soċjali jispiċċaw agħar milli huma fil-preżent, kif ukoll l-istess ħaddiema b'pagi baxxi. Jista' jkun li tali proposta se tkompli ssaħħaħ l-inugwaljanzi soċjali minflok teghlibhom, peress li l-aktar li se jgawdu huma dawk komdi.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-hidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Mil-lenti Kulturali......

*Mary Anne Zammit*

Dan l-aħħar qed tissemmgħa ħafna l-Industrija tal-Films, b'diversi inizzjattivi għal aktar fondi u biex jattiraw aktar produzzjonijiet internazzjonali. Il-viżwal għandu l-kapaċita li jasal aktar malajr ġo djarna. Imma nistaqsu, iċ-ċinema u l-produzzjonijiet viżwali huma Arti?

Biex inkunu nafu aktar dwar dan, tkellimna ma' Joel Sciberras (ritratt) li huwa Direttur tal-**Malkipso Studios.**



**X' inhi l-esperjenza tiegħek fil-qasam tal-films?**

Bħala esperjenza kienet waħda nteressanti, ovvjament l-ewwel kelli nistudja l-Arti, iżda nista' ngħid li kelli vantaġġ peress li kelli missieri jaħdem ix-Xandir Malta, hekk kif kienet magħrufa dak iż-żmien. Aktar tard ukoll ġewwa l-PBS fl-arkivji bħala editur muntaġġ. Imbagħad, bdejt naħdem f'xi stazzjonijiet televiżivi differenti biex inkabbar l-esperjenza. Il-Kummissjoni tal-films f'Malta tatni għajnuna kbira, għaliex l-ewwel bdejt naħdem fuq l-awdjo bħala dak li jissejjaħ *'boom operator'*, imbagħad fuq ċinematografija bil-camera, ħdimt anki ta' editor, muntaġġ u anki fejn jidħlu l-effetti speċjali bil-kompjuter. Wara pproduċejt anki films qosra, anki għall-kors li għamilt l-MCAST fl-Arti u d-Disinn ġewwa l-Mosta u anki għamilt xi reklami u saħansitra anki music videos. Fil-mument qed naspira li anki nidderiġi u nikteb scripts.

**Taħseb li l-produzzjoni tal-films hija Arti?**

Iva, il-produzzjoni tal-films hija arti speċjalment fir-riċerka, fil-kitba bħala script u anki *storyboards* biex jinħolqu l-karattri, kostumi u ħafna affarijiet oħra li huma relatati mal-produzzjoni tal-films bħal props, sets, kostumi u speċjalment xeni artistiċi, fejn jidħol ir-reċtar artistiku u mużika. Il-ġeneru ta' tip ta' films huma ħafna differenti bħal krimini, tal-biża, mafja, azzjoni, fantażija u ħafna oħrajn. Hemm ukoll dawk mil-perjodi u anki fi stili, bħall-klassiku, modern u anki kontemporanju.

**F'hiex tikkonsisti l-Industrija tal-films? Kif jinħadem film, e-script, produzzjoni etċ**

L-industrija tal-films tikkonsisti f'ħafna kategoriji speċjalment ċinematografija, mużika, reċtar, awdjo, editorjal, effetti speċjali kemm fiżiċi u kemm bil-kompjuter, sets, kitba, kostumi, atturi, props u l-iktar ħaġa mportanti l-istudjos bħal *green screen studio* bil-faċilitajiet kollha b'mod artistiku, *sound stages, recording studio* bl-aqwa teknoloġija, faċilitajiet fuq il-baħar u ovvjament l-arti bħala disinji.

Il-film jinħadem billi l-ewwel issir ir-riċerka fuq x'tip ta karattri jkollu f'moħħu l-awtur, imbagħad jsemmi l-karattri, il-postijiet u li jasal għal dik hekk imsejħa sinopsi u l-istorja, imbagħad jibda jħejji jikteb l-iscript. Ovvjament it-tim tal-produzzjoni jibdew jiddiskutu u jiżviluppaw l-istorja *'production meeting'*, jibdew ifittxu l-postijiet fejn ħa jingibed il-film, l-atturi, kostumi, mużika u anki l-perjodu kemm ha jdum jiġi ffilmjat il-film. L-aħħar proċess hu li jiġi editjat sewwa u li jasal biex joħroġ għall-wiri fiċ-ċinema lokali u anki nternazzjonali.

**X'futur hemm għall-films f'Malta?**

Bħala futur għal films f'Malta huwa nteressanti u ferm pożittiv minħabba l-fatt li issa l-livell tal-industrija tal-films f'Malta hu għoli ħafna. Barra minn hekk qegħdin jitħarrġu ħafna studenti kemm fl-Arti kif ukoll f'ħafna teknika differenti fil-qasam tal-produzzjoni tal-films, u li anki ser jinvestu xi kumpaniji professjonali fl-industrija tal-films speċjalment f'żewġ *sound stages* kif ukoll studio kbir li ħa jkun fih il-faċilitajiet kollha biex jinħadem film f'Malta professjonali daqs dak ta' Hollywood.

**X' inhi l-opinjoni tiegħek dwar iċ-ċinema u l-produzzjonijiet Maltin, anke dawk televiżivi?**

L-opinjoni tiegħi dwar iċ-ċinema u produzzjonijiet Maltin, anke dawk televiżivi hija li għandhom bżonn ta' ħafna riċerka u dan billi jbidlu l-istili kif ukoll anki jużaw it-teknika bħal ta' barra biex jgħollu l-livell. Għal dawk televiżivi hemm bżonn jinbidlu l-istejjer anki t-tip ta' ġeneru u jindirizzaw stili differenti għal udjenza Maltija.

**Xi suġġerimenti........**

Ovvjament nissuġġerixxi li fuq produzzjonijiet Maltin, speċjalment għat-televiżjoni Maltija jeħtieġ li l-kumpaniji Maltin jibdew jiktbu stejjer bi stili differenti għaliex l-udjenza Maltija d-dejqet tara dejjem l-istess stejjer u l-istess tip ta' ġeneru.

# STAT SEKUKARI vs STAT IŻLAMIKU

***Dr Mohammed Hassan Ali jagħti l-analiżi tiegħu f'intervista ma' Żminijietna.***

Jisimni Mohammed Hassan Ali u twelidt ġewwa l-Ethopia fl-1958. Kont attiv fil-moviment studenti universitarji u anke kont wieħed mil-mexxejja tagħhom.

"L-Ethopia llum huwa pajjiż multinazzjonali, fejn il-faqar huwa massiv. Sa l-1974, il-pajjiż kien wieħed fewdali mmexxi mil-Imperatur Hailé Selassié. Il-kwistjonijiet fil-pajjiż dak iż-żmien kienu l-aktar fuq l-użu tal-art għall-bdiewa; il-protezzjoni ta' nies b'nazzjonalitá differenti; id-demokrazija; l-iżmantellar tas-sistema fewdali; u li jinbena stat revoluzzjonarju, popolari u demokratiku.



Kien hemm anke kwistjonijiet marbuta mal-ħaddiema; ma' drittijiet tan-nisa; li l-istat jkun wieħed progressiv; u li fil-pajjiżi tal-madwar jkun hemm paċi u stabbilitá.

Kwistjoni oħra mportanti kienet li jiġi riżolt il-kunflitt fl-Eritrea li ra l-bidu tiegħu fl-1952 u li ġie nstigat mil-istess Ethopia bl-appoġġ tal-Istati Uniti. Il-gwerra għall-Indipendenza tal-Eritrea mil-Ethopia damet sejra ġmielha, li magħha din ġabet tkissir ta' żewġ ekonomiji.

Dawn il-problemi kollha flimkien ħolqu klima ta' reazzjoni spontanja mil-massa tan-nies u l-movimenti soċjali li waslu għat-tneħħija tas-sistema fewdali.

Ftit wara feġġew xi partiti, imma l-aktar wieħed b'saħħtu u organizzat kien dak iffurmat mil-armata, fejn dan ħa l-poter tal-pajjiż f'idejh u waqqaf kull proċess demokratiku (fl-1974/75).

Kompla jgħid "li kien hawn meta jien u l-familja tiegħi morna ngħixu lura ġewwa s-Somalia, minħabba l-inkwiet. Etnikament jien Somali. Għamilt żmien nistudja s-Somalia. Wara komplejt l-istudji tiegħi fl-Eġittu u l-Ewropa fejn hemmhekk gradwajt fid-Diplomazija u Xjenza politika. Kemm domt ngħix is-Somalia kont attiv sabiex jkunu mħarsa d-drittijiet tar-refuġjati mil-Ethopia u tal-madwar u anke kont qed nagħti l-appoġġ tiegħi lil diversi forzi fil-pajjiż li kienu qed jiġġieldu kontra r-reġim.

Mal-waqgħa tar-reġim fl-Ethopia fl-1991 tal-President Mengistu Haile Mariam, jien inħtart bħala diplomatiku tal-Gvern f'relazzjonijiet tiegħu ma' Cina, l-Istati Uniti u Brussel. Domt f'din il-pożizzjoni sa l-1995, sakemm l-affarijiet fil-pajjiż reġgħu bdew jeħżienu u minn hemm mort ngħix ġewwa Brussel bħala refuġjat politiku.

Fil-Belġju, bdejt ngħallem fl-Università u sirt anke attiv fil-Partit tal-Ħaddiema Marxista - Leninista (PTB), li llum huwa wkoll rappreżentat fil-Parlament. Bdejt nikteb ukoll diversi artikli fuq il-medju orjent. Żort il-Libja darbtejn meta kien qed isir l-bumbardament min NATO, fejn wara flimkien ma' oħrajn ippubblikajna ktieb bl-isem ta' "Strategy of Choas - Imperialism and Islam". L-aħħar pubblikazzjoni li ħriġna kien il-ktieb bl-isem ta' "The five current of Islamic Movement".

**Taħseb li "Jasmine Revolution" fil-pajjiżi Għarab kienet ispirata mil-qawmien sekulari, u għalfejn taħseb li sa llum għadna l-bogħod milli jkun hemm tmexxija progressiva f'dawn il-pajjiżi?**

Jien żort l-Eġittu fl-2008. Wara tlett ijiem li kont qiegħed ngħix ġewwa Kajru, kont ġa qed inħoss li xi ħaġa kienet se tiġri ġewwa l-Eġittu. Stajt taqra dan fl-artiklu tiegħi stess li ktibt wara li ġejt lura mil-Eġittu. Ħafna minn nies li qraw l-artiklu lanqas emmnuni.

Imma biex wieħed jifhem sew l-Eġittu, wieħed irid imur lura fl-Istorja tal-pajjiż. Fl-1952 meta r-reġim ta' Nasser ħa tmexxija tal-pajjiż f'idejh, wara li twarrbet l-monarkija, 80% tal-art kollha fil-pajjiż kienet okkupata minn 2,000 familja u l-kumplament tal-art minn 20,000 familja. Taħt il-ħakma Ingliża (bejn 1920-1952), il-popolazzjoni fil-pajjiż ma kienetx taqbeż 25,000 persuna u l-kumplament skjavi barranin. Kien hemm ma' 100,000 suldat Ingliż jgħasses il-Kanal tas-Swejż. Mal-ħakma Ingliża bdew jiġu ffurmati diversi partiti ġewwa l-Eġittu. Bl-ewwel wieħed minnhom jkun il-Muslim Brotherhood. L-Oriġini tal-Muslim Brotherhood kienet ġejja mil-Klassi tal-Borgeżija tradizzjonalista. Il-politika li kienu jsostnu kienet waħda Iżlamika u Nazzjonalista.

It-tieni partit kien wieħed Liberali, ffurmat mil-borgeżija, li dana għen biex jiġi maħluq il-bank ċentrali. In-nazzjonaliżmu fis-sens modern huwa kunċett borgiż; li inti jkollok suq ekonomiku miftuħ bil-bank ċentrali tiegħek etċ. L-ideoloġija tagħhom (il-Muslim Brotherhood u Liberali) kienet waħda liberali kapitalista, imma fl-istess waqt anti-imperjalista. Iż-żewġ partiti kienu favur il-propjetà privata.

It-tielet partit li ġie ffurmat kien il-Partit Komunista. Il-Partit Komunista ġie ffurmat minn immigranti Ewropej, fil-maġġor parti tagħhom Armeni, Grieki, xi numru ta' Franċiżi, u anke xi Maltin minħabba l-qawmien tal-faxxiżmu u Nażiżmu fl-Ewropa.

L-Eġittu u l-Indja kienu tnejn miż-żewġ pajjiżi li l-aktar li bbenefikaw fl-ewwel u t-tieni gwerra dinjija bl-industrijalizazzjoni biex jsostnu l-imperu Ingliż li kien fil-gwerra. Il-klassi tal-ħaddiema fl-Eġittu nħolqot eżatt matul dawk iż-żminijiet.

L-armata Eġizzjana ma kienetx ħolqien tal-Imperu Ingliż, imma kienet kreazzjoni tar-revoluzzjoni ta' Mohammed Ali fl-Eġittu (1805) kontra l-qawmien ta' l-imperu Franċiż ta' Napuljun. Storikament din hija tant importanti għax fl-1952 kienet hi li għenet biex jittajjar ir-Re Faruq fl-Eġittu.

Fl-1928, l-intelliġenza Brittannika assassinaw l-mexxej tal-Muslim Brotherhood. Dan il-partit kellu ħafna appoġġ mil-*Petite bourgeoisie*, partikolarment mis-settur tal-għalliema. Wara persuna bl-isem ta' Sayyid Qutb daħal jimmilita fil-partit u sar il-ħassieb influwenti wara l-ideoloġija tal-Muslim Brotherhood, dana qed ngħidu f'nofs it-tletinijiet. Fl-1940 dan żar l-Italja u l-Ewropa u wara mar l-Istati Uniti fejn minn hemm beda jħaddan l-ideoloġija faxxista. Beda jaqra l-kitba ta' Alexis Carrel (li kien faxxista).

Meta Sayyid Qutb mar lura l-Eġittu dan ippubblika ktieb bl-isem ta' "The Economic and The Political Solution of the Muslim Brotherhood to the Islamic World" fejn dan fih iddefenixxa l-ideoloġija tal-Muslim Brotherhood, u li nazzjonaliżmu huwa nvenzjoni tal-imperjaliżmu sabiex jaqsam in-nazzjonijiet Iżlamiċi.

Biex niġi għall-mistoqsija tiegħek, bejn l-1952 u 1970, l-Eġittu għadda minn l-aqwa żminijiet. Taħt it-tmexxija ta' Nasser (b'kolp ta' Stat), fil-pajjiż saru numru ta' riformi li kienu jinkludu riforma tal-art; drittijiet lin-nisa; tmexxija lejn stat sekulari; industrijalizazzjoni u moderniżmu. Taħt Nasser l-Eġittu sar Stat modern u żviluppat. Sayyid Qutb kien l-uniku persuna ċivili li kien tħalla jkun membru fi tmexxija ta' Nasser. Sayyid dar għall-politika Nasserjana li kienet waħda nazzjonalista; fejn il-ħsieb ewlieni kien li tiġi ffurmata l-għaqda fost il-pajjiżi Għarab, fejn minn hemm ġie ffurmat l-Arab League, kif ukoll li l-pajjiż jkun wieħed sekulari. L-Eġittu meta miet Nasser kien wieħed industrializzat, fejn kellek il-qawmien tal-klassi ħaddiema flimkien mal-petite bourgeoisie; il-ħolqien ta' diversi universitajiet, l-eradikazzjoni tal-mard; il-ħolqien ta' koperattivi u riforma tal-art. Taħt Nasser, il-pajjiż kien jipproduċi 85% tal-ikel, illum l-maġġoranza tal-ikel hu mportat.

Wara l-mewt ta' Nasser, il-pajjiż għadda minn żewġ kolpi ta' stat fejn Muhammad Anwar El Sadat ħa l-poter tal-pajjiż f'idejh, u warajh għamel l-istess Ali Mubarak. Ilkoll kisru dak li kien għamel tajjeb Nasser fejn waslu l-Eġittu dipendenti fuq pajjiżi oħra u b'ħafna miżerja. Biss ngħidilkom li fl-2008, ma' l-10,672 mara li gradwat mil-Università ikkommettit suwiċidju; 6 miljun persuna spiċċaw dipendenti fuq id-droga, fejn Mubarak anke għamel użu minn dawn il-persuni biex jgħinuh jwaqqaf ir-rivoluzzjoni popolari kontrih.

Hassan kompla jgħid li taħt Mubarak, 50% tal-baġit tal-pajjiż kien indirizzat lejn il-popolazzjoni ġewwa Kajru, waqt li dawk li jgħixu fil-provinċji kienu tħallew jgħixu fil-miżerja. Kienet mistennija li fil-pajjiż se tqum rivoluzzjoni. Il-poplu tilef il-fiduċja f'dawk li kienu qed

**Ikompli f'paġna 5**

# *"Ilkoll iridu jaborixxu r-rivoluzzjoni popolari favur stat sekulari u jagħmluha b'kull mezz possibli."*

imexxuh, u kif qal Lenin "meta ġiex fatturi elementari jitħalltu flimkien, se tqum rivoluzzjoni spontajna, u jekk ir-rivoluzzjoni tkun immexxija minn mexxej u partit organizzat, hemmhekk se jkollok rivoluzzjoni soċjalista". Il-ġiex fatturi fl-Eġittu kienu hemm, imma tielet element importanti kien nieqes, li hu l-organizazzjoni ta' partit organizzat u progressiv.

Infatti l-era ta' tmiem ta' Mubarak seħħet meta l-ħaddiema tat-tessuti fl-Eġittu wettqu strajk nazzjonali, fejn dan l-istrajk tefgħa piż fuq Obama (President Amerikan), b'ta' l-aħħar jintervjeni u jitlob lill-Mubarak biex jitlaq il-poter. Meta fil-pajjiż għandek sitwazzjoni fejn il-ħaddiema qed jistrajkaw, il-petite bourgeoisie u l-bdiewa qed jirribellaw kontrik, flimkien ma' dawk kollha bla xogħol, hemmhekk ir-rivoluzzjoni tieħu l-karattru ta' rivoluzzjoni tal-klassi. F'dak il-mument l-esistenza tar-reġim ssib ruħha f'periklu kbir u jkollha ċċedi l-poter.




Tajjeb ngħidu li l-Eġittu jilgħab parti mportanti fir-rivoluzzjoni progressiva fil-pajjiżi Għarab. Importanti wkoll għal dawk kollha reazzjonarji li jridu li l-pajjiż jerġa jmur lura għal kif kien taħt Ali Mubarak sabiex il-mewġa progressiva u sekulari titwaqqaf milli tkompli tinfirex fil-pajjiż u fil-pajjiżi tal-madwar. It-theddida progressista bdiet fl-1952, meta l-pajjiż kien immexxi minn Nasser. Kull bidla fl-Eġittu se ġġib bidla f'pajjiżi oħra. L-Eġittu hija l-mekka tal-pajjiżi Għarab. Għalhekk il-forzi imperjalisti u dawk fewdali (Sawdi Arabja, l-Qatar etċ) għadhom jilgħabu parti mportanti f'dan ir-reġjun.

Lkoll iridu jaborixxu r-rivoluzzjoni popolari għal stat sekulari u jagħmluha b'kull mezz possibli. L-istess fil-każ tal-Iżrael, dak li jiġri fl-Eġittu se jkun ta' theddida għall-Iżrael. Nemmen li kieku seħħ dak li kellu jseħħ fl-Eġittu kieku l-Libja ma kienetx tiġi nvaduda mil-forzi mperjalisti. Żgur li r-rivoluzzjoni ma tistax isseħħ b'invażjoni minn barra, imma l-poplu għandu jagħmilha. Kif qal Lenin "meta n-nies jirrifjutaw li jibqgħu jiġu mġiegħla jgħixu bħalma kienu qabel, u meta minn imexxi ma jistax jibqa' jmexxi kif kien qed jagħmel qabel, hemmhekk is-seħħ rivoluzzjoni u biex issir ir-rivoluzzjoni inti trid organizazzjoni b'saħħitha u magħquda". Kif spjegajt ġa qabel din kienet nieqsa fl-Eġittu fl-avvenimenti ta' dan l-aħħar.

Fl-Eġittu kellek element pro-imperjalista, il-petite bourgeoisie li tkissret minħabba l-kollass tas-sistema ekonomija; qgħad kbir fost il-poplu; u ħafna miżerja fost il-klassi tal-ħaddiema. Li trid f'rivoluzzjoni hu għaqda fost dawk kollha progressivi li jridu l-ġid tal-poplu flimkien ma' kuxjenza soċjali. Fl-Eġittu kien hemm vojt u b'hekk ir-rivoluzzjoni spiċċat ħesrem. L-uniku organizazzjoni li tħalliet topera taħt it-tmexxija ta' Mubarak kienet il-Muslim Brotherhood. Bħala organizazzjoni kienet organizzata sew fejn kellek numru ta' assoċjazzjonijiet jgħammru fiha fosthom l-assoċjazzjoni tan-nisa, ta' tobba, spiżjara, u studenti. Kienu organizzati sew fil-ħidma ma' dawk foqra fil-provinċji tal-pajjiż. B'din il-ħidma kienu qed jressqu lejhom l-aqwa mħuħ fis-soċjetà. Nistgħu ngħidu li l-Muslim Brotherhood użaw tattiċi komunisti. Kellhom bażi mifruxa mas-soċjetà kollha u għalhekk rebħu l-ewwel elezzjonijiet wara tneħħija ta' Mubarak mil-poter. Biex ftit wara l-militar reġa ħa tmexxija tal-pajjiż f'idejh.

**Kif tara s-sitwazzjoni llum fil-pajjiż?**

Ilum li għandek hu qawmien fil-ħsieb, fejn in-nies qed tixtarr aktar fuq dak li qed jiġri, ngħidulha aktar kuxjenza tal-klassi. Għandek wkoll biża fost il-poplu mil-Iżrael, x'se tkun ir-reazzjoni ta' Iżrael fil-konfront tal-Eġittu. Kif ukoll x'reazzjoni se tieħu l-Istati Uniti u l-Ewropa fil-konfront tal-pajjiż. Il-poplu llum huwa beżgħan.

Diversi pajjiżi iridu jibqgħu jiddominaw lill-Eġittu minħabba l-importanza ekonomika u ġeografika li joffri l-pajjiż f'dak ir-reġjun. L-imperjalisti qed jibżgħu li jitilfu l-influwenza tagħhom. Żgur li ħadd għadu ma jaf x'se jiġri fl-Eġittu u żmien biss jista' itina stampa ta' se jiġri. Is-sitwazzjoni fl-Eġittu għada taħraq. Diffiċli biex ir-reġim ta' Sisi jibqa' fi tmun tal-pajjiż f'dawn il-ħames snin li ġejjin. Huwa impossibli. L-Eġittu huwa f'xifer ta' rivoluzzjoni oħra. L-imperjaliżmu irid jerġa joħloq strateġija oħra ta' kif jaħdem. Żgur li mhux se jħallu l-Eġittu jmur lura għall-1952, għax kieku llum it-tmexxija tkun iktar b'saħħitha. Għalhekk l-invażjoni tal-Libja kienet daqshekk importanti.

Nitkellmu fuq it-Tuneżija, is-sitwazzjoni hi l-istess, fejn hemmhekk għaddejjin numru ta' esperimenti bi tmexxija tvarja minn waħda awtoritarja, kważi dittatorjali sabiex jwaqqfu kull mewġa progressiva fil-pajjiż. Il-klassijiet soċjali kollha fil-pajjiż huma fi kriżi, l-istess bħal fl-Eġittu.

**Għalfejn imma l-mewġa progressiva fil-pajjiżi Għarab qed tiġi imxekkla? u x'inhuma d-differenzi li hemm bejn il-forzi progressivi u dawk iżlamiċi?**

Meta għandek rivoluzzjoni spontanja ifeġġu ħafna partiti petite bourgeoisie, kemm b'karattru iżlamiku u anke sekulari. Il-petite bourgeoisie jiddefenixxu l-istat bħala xi ħaġa illużjonarja, bħala xi ħaġa newtrali, fejn int tista' tieħu l-istat faċilment, jew tuża l-istess stat għal-finijiet tiegħek. Meta fir-realtá l-istat mhuwiex newtrali, imma huwa organu ripressiv mil-klassi dominanti. Fl-Eġittu parti kbira tal-militar tinsab qrib il-poplu, imma t-tmexxija tal-militar hija f'idejn il-klassi dominanti.

Infatti l-aħħar rivoluzzjoni affettwat is-sisien tal-armata. Meta fil-pajjiż m'għandekx organizazzjoni b'saħħitha b'mexxej b'saħħtu, it-tmexxija tista' faċilment tittieħed minn persuna bi ħsibijiet progressivi minn fost l-armata, bħalma ġara fil-Venezwela bir-rebħa ta' Chavez fl-elezzjonijiet fl-1996. Qabel ma daħal fil-politika Chavez kien jifforma parti mil-militar. U dan l-imperjaliżmu hu konxju tagħha. Il-Muslim Brotherhood hija forza reazzjonarja u ntużat biex twaqqaf ir-rivoluzzjoni popolari.

Filfatt meta l-armata reġgħet issaħħet l-ewwel li ma' għamlet hu li tajret il-Muslim Brotherhood minn nofs u ħadet lura l-poter f'idejha, anke jekk anti-demokratikament. Il-politika hija realtà, mhiex żfin jew disco, imma ġlieda tal-klassi.

**Minn huma dawk il-pajjiżi fir-reġjun li ma jridux li l-mewġa progressiva issib saqajha f'dawn il-pajjiżi?**

Inġenerali, l-imperjaliżmu u l-pajjiżi Fewdali Għarab diġa tgħallmu l-lezzjoni tagħhom minn dak li ġara fil-passat. Dak li ġara fl-1952 fl-Eġittu, tlettax il-sena wara ġara wkoll fis-Sirja. L-uffiċċjali mil-grupp ta' Assad li ħa l-poter fis-Sirja kienu jgħixu fl-Eġittu. Aktar wara seħħ fl-Iraq bi tmexxija ta' Saddam Hussein. Dawn it-tlett pajjiżi kienu l-pilastru ta' dik li nsejħula 'Arab renaissance', l-iktar pajjiżi avvanzati u ċivilizzati mil-pajjiżi Għarab. Kollha kienu bbażati fuq sisien sekulari u l-aktar importanti kien li n-nisa ngħataw id-drittijiet kollha.

Dana kollu jmur kontra dak li hu ħsieb tradizzjonali iżlamiku, fewdali u reazzjonarju. U b'hekk ngħid li dawn tgħallmu mil-istorja. L-istess ġara u qed jiġri fil-Yemen llum. Kull bidla fl-Eġittu se ġġib theddida għar-reġim Teokratiku tas-Sawdi, Baħrejn, il-Qatar etċ. Kull ideoloġija li hi sekulari u progressiva hi ta' theddida għalihom u għalhekk qed jiġġielduha. Jistgħu biss jiġġielduha b'ideoloġija Iżlamika faxxista. L-ISIS hija ħolqien tal-imperjaliżmu wara l-gwerra tal-Iraq. Llum, in-nisa fl-Iraq reġgħu tilfu drittijiet kollha. L-imperjaliżmu jħaddan ideoloġija faxxista u reazzjonarja.

**Żminijietna tirringrazzja lil Ġnien tal-Għerf li tawna ċ-ċans nagħmlu ntervista lil Dr Mohammed Hassan Ali li kien mistieden f'Konferenza f'Malta fuq il-Libja**

***Ritratt f'paġna 4 juri mix-xellug Ramona Wadi (Ġurnalista), Dr Mohammed Hassan Ali, Dr Katrine Camilleri (JRS) u Victor Degiovanni (Partit Komunista Malti)***

# MALTA SUMMIT, CHOGM u LIBERALI

*John Zammit*
*Alleanza Liberali*
*johnpzammit@gmail.com*

Nibdew sena ġdida, 2016, sentejn il-bogħod minn elezzjoni ġenerali u tlett snin minn elezzjoni tal-Parlament Ewropew. Iżda ma nistgħux ma nikkummentawx bil-ġrajjiet important li kellna f'Malta f'Novembru tas-sena 2015 - il-Malta Summit u c-CHOGM.

Il-Malta Summit kien importanti għax ġab ġewwa Malta lill-mexxejja tal-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewopeja u pajjiżi Afrikani, l-aktar minn fejn ġejjin ir-refuġjati li qed jkollhom jitilqu minn pajjiżhom minħabba gwerer ċivili u terroriżmu. Il-laqgħa taċ-CHOGM ġabet f'Malta l-mexxejja tal-pajjiżi tal-Commonwealth li hija għaqda tal-pajjiżi li qabel kienu kolonji tal-Gran Brittanja li llum nafuha bħala ir-Renju Unit, u allura bħala l-kap tal-Commonwealth għandna r-Reġina Eliżabetta t-Tieni.

Dawn il-laqgħat ġo pajjiżna, minbarra li taw prominenza lil Malta fl-aħbarijiet tad-dinja, u minbarra li wara dawk it-taħdidiet li saru kemm waqt il-konferenzi u kemm waqt li kienu ndividwalment bejniethom, żgur li ħallew xi forma ta' riżultati ta' siewi għad-dinja, speċjalment meta laqgħat ħabtu wara l-attakk terroristiku ġewwa Pariġi fejn inqatlu fuq il-mitt persuna. Kien għalhekk ukoll li l-Forzi Armati u l-Pulizija, flimkien mal-Forzi Ingliżi li ġew apposta Malta biex jipproteġu lil dawn il-mexxejja kollha qanqlu ċertu tensjoni, iżda din kulħadd seta' jifhimha minħabba dak li qed jiġri mit-terroristi madwar id-dinja kollha u speċjalment fis-Sirja mill-ISIS, li minħabba fihom ġabu nvażjoni ta' refuġjati ġewwa l-Ewropa biex dawn jaħarbu qabel jinqatlu.

Jiena u sħabi tal-Alleanza Liberali Maltija għamilna jiem bl-uffiċċju tal-Belt Valletta miftuħ kuljum matul iż-żmien tal-konferenzi. Minn hawn bdejna nżommu kuntatt mal-Liberali fl-Ewropa dwar dak li kien qed jiġri fis-summit. Konna mpenjati fiċ-Ċentru tal-Midja li twaqqaf apposta f'Sant Iermu, fejn kien hemm ġurnalisti kważi mid-dinja kollha.
Hawn nixtieq insemmi l-Prim Ministru Liberali li kellna fostna u li ħa sehem kemm fil-Malta Summit u anke CHOGM. Il-Midja speċjalment Maltija ma tatx importanza li f'Malta kellna




esponenti tal-Liberali, u huwa għalhekk li nikkundannaw l-midja lokali li mhiex qegħda tkun bilanċjata, meta ma turix l-istampa kollha u kif għandha tkun. Ta' min jgħid li fil-Malta Summit kien hawn seba' Prim Ministri Liberali (araw ritratt) fosthom Charles Michel tal-Belġju, Juha Sipila tal-Fillandja, Xavier Bettel tal-Lussemburgu, Mark Rutte tal-Olanda, Miro Cerar tas-Slovenja, Taavi Roivas tal-Estonia u Lars Lokke Rasmussen tad-Danimarka. Ta' min tkunu tafu li bħala PrimMinistri Ewropej, il-Liberali għandhom kważi daqs is-Soċjalisti, filwaqt li l-Popolari għandhom għaxra. Dawn huma t-tlett gruppijiet kbar li jiffurmaw il-Parlament Ewropew.

Imbagħad mil-laqgħa tac-CHOGM l-aktar li spikka kien il-Prim Ministru Liberali tal-Kanada, Justin Trudeau, li kien l-iżgħar fost il-Prim Ministri, sa anke iżgħar fl-eta' mil-Prim Ministru Malti, Joseph Muscat.

Nagħlaq dan l-artiklu qasir tiegħi billi f'isem Alleanza Liberali nawgura lil kulħadd il-Milied u s-Sena t-Tajba, mimlija risq u hena.
- - www.malta-liberals.org

# Il-Politika tax-Xellug Prattikabbli

*Apert - Birkirkara*

Il-partit b'idejal xellugi li gverna bl-akbar suċċess fl-aħħar erbgħa diċenji, kien bla dubju tal-gvern laburista Malti preżenti. Dan seħħ bi strateġija preċiża li neħħiet is-sadid mil-ingranaġġ tal-makkinarju ekonomiku, u fetħet il-valvi tal-ġustizzja soċjali li kienu kważi ġġammjati. Bidu nkoraġġanti fir-rotta li baqa' x'tinqadef.

Stati soċjali (Welfare States) li twaqqfu mil-gvernijiet xellugin f'pajjiżi Ewropej matul is-seklu 20, rajnihom jiddgħajfu f'żewġ fażijiet. Uħud bdew sejrin lura malli l-istati kolonjali li kellhom, bdew jieħdu lura l-indipendenza mis-snin 50 'il quddiem. Oħrajn għotru ma' l-iżmantellar tal-blokk solidali li sa l-1989 kien jissussidjahom.

Fiż-żewġ każi l-entrojtu barrani kien iwieżen indirettament il-welfare state b'mod li l-poplu lokali setgħa jgawdi benefiċċji ta' valur aktar milli kien iħallas attwalment għalihom.

Aktar ma beda jonqos il-finanzjament mil-ġid sfruttat tal-kolonji jew mil-blokk solidali, iżjed iddgħajjef l-istat soċjali u żdiedu l-piżijiet tat-taxxi fuq il-poplu, biex jagħmlu tajjeb għal dak it-telf. Għax il-flus/ġid ma jiġux mil-ajru, imma bix-xogħol jew bl-investiment produttiv. Sal-lum dan il-kapolavur xellugi ddeterjora tant, li f'ċerti stati sfaxxa għal kollox.

Din il-problema fundamentali ggravat wara s-snin 80 bil-politika Reagan/Thatcher tas-suq isuq f'libertinaġġ. Ipprivatizzaw l-ażjendi li kienu jirrendu profit statali. Iffriżaw ir-regoli finanzjarji u kummerċjali, biex ġabu l-ekonomija titmexxa skond id-diskrezzjoni tal-bankiera u n-negozjanti l-kbar. Wara dik l-avventura libertina li spiċċat bil-falliment dinji tal-banek il-kbar u ta' gvernijiet midjuna, l-ingranaġġ ekonomiku beda jsaddad bil-politika leminija suppost korrettiva ta' awsteritá ħarxa li addottaw.

Din kisret lill-kotra bit-taxxi fuq kull servizz u oġġett, u ħatfet il-flus mil-idejn u miċ-ċirkulazzjoni. Kienet injorata l-veritá li l-kwalita tal-ħajja taċ-ċittadini nġenerali timmatura l-iżjed mil-benessere (saħħa ekonomika) tal-pajjiż u mhux bil-kuntrarju. Il-benessere tikber bla piż żejjed fuq iċ-ċittadini, bid-dħul li jirrendu l'assi statali, u bi gwadann li jiġi minn barra bi ftehim favorevoli finanzjarjament, jew ta' mod ieħor tanġibbli.

Il-valvi kienu bdew jiġġammjaw meta ma komplewx jitħaddmu sewwa minħabba l-awsteritá. Iż-żewġ problemi tal-valvi u tal-ingranaġġ kienu riżultat tad-djun kbar nazzjonali, li bit-tneħħija tar-regoli u bil-libertinaġġ, wasslu ħafna stati f'xifer tal-falliment finanzjarju. Dik is-sistema rigressiva tal-lemin dakkret lill-mexxejja xellugin, li nbarmu fiha meta sabu d-diżastru ekonomiku moħmi mis-sistema neo-liberali tal-konservattivi.

F'dak il-kwadru, il-politika soċjali u anti-awsteritá tal-labour Malti feġġet bħax-xemx tiddi wara maltempata. Sar ġid kbir nazzjonali u lill-kumpaniji u lill-familji. Dan jista' jkun mudell tax-xellug prattikabbli, sakemm iżomm ħieles mil-marda komuni politika tal-korruzzjoni, u minn xi npurita ambjentali u/jew xi nasba klikkista. Akbar ma jkun is-suċċess tal-gvern, iżjed jikber id-dover tiegħu li jħares dak il-ħelsien.

Fir-realizazzjoni ta' din il-politika laburista, kienet strumentali l-politika barranija ta' ftehim li jirrendi gwadann finanzjarju fir-relazzjoni ma' stati oħra. Fost il-ftehim gwadanjużi, kienu prominenti taċ-"Ċittadinanza b'Investiment" u tal-"enerġija mal-gvern Ċiniz".

Dak id-dħul barrani għen lill-gvern jimmaniġġa l-finanzi tiegħu u jistimola l-attivita ekonomika u jsostni l-welfare state, bla ma kellu bżonn iżid xi taxxi jew piżijiet fuq iċ-ċittadini. Anzi fl-istess waqt raħħas l-enerġija b'25% u żied il-benefiċċji statali u ntroduċa servizzi soċjali ġodda.

Mexa eżatt mat-twemmin xellugi li "jtejjeb il-ħajja tal-kotra billi jkabbar l-ekonomija nazzjonali u jqassam il-ġid b'ġustizzja soċjali".X'differenza mil-gvernijiet l-oħra li komplew jimponu l-awsteritá u xorta għadhom mifnija bil-problema finanzjarja u soċio-ekonomika!

Is-suċċess tal-gvern laburista Malti ma jistax jinkiseb mill-gvernijiet li ma jrażżnux id-djun nazzjonali u ma jistimolawx l-attivita ekonomika regolata, billi jsibu dħul alternattiv bi ftehim favorevoli ma' stati oħra, bla ma jimponu awsteritá fuq il-kotra.

F'dan ir-rigward, dan il-gvern għandu dmir imperattiv li jibqa' nadif mil-impuritá li semmejna, biex ikompli jxejjen il-politika neo-liberali, u jibqa' jkun gvern xempju tax-xellug prattikabbli, mixtieq mil-popli mifnija mil-madmad tal-awsteritá u mil-miżerja tal-faqar.

# Deathblow to the Dollar

*Sammy Camilleri*
*Ontario, Canada*



The World is entering a new economic era, one that won't be defined by America. Recently marked a radical turning point for the global economy, particularly the United States economic dominance. China proposed the launch of the Asian Infrastructure Investment Bank (AIIB) - a new Chinese run international bank specifically designed to challenge U.S Global Economic Leadership. America tried to convince other nations not to agree to join, but it failed even with the closest allies.

For the U.S it was an unmitigated disaster. The world essentially closed ranks and turned its back on America. "The Battle of wills between Beijing and Washington over a China-sponsored development Bank for Asia is turning into a root". The Obama Administration has found itself isolated and embarrassed as its top allies lined up to join the proposed Asian infrastructure investment Bank, and sadly, it was America's most important ally that led the defection.

The story begins with a 2013 speech by newly crowned Chinese Leader Xi Jinping. He outlined the creation of a new international investment Bank where nations could pool money to invest in the developing world. China would provide $50 Billion in seed monay and retain up to 50% ownership. Xi Jinping was upfront about the Bank purpose. It would compete with the U.S dominated world bank. The New York Times called it a "direct threat", to the post World II Financial system dominated by the U.S. But few in Washington paid it much heed. At first because policy makers refused to believe that America's allies would even consider joining such an obviously anti-American effort. Then, last year, a strange thing happened. Australia announced it would join China to become a founding member of the Bank.

America was shocked. Australia is one of America's closest allies. President Obama made a personal call to Australian Prime Minister to voice his concern. American Lobbyists went door to door to make sure other nations understood American's opposition The message was clear: Don't join China's Bank! Australia recanted, and it appeared the crisis was averted. Then the United Kingdom dropped an Atomic Bomb. The British Chancellor of the Exchequer said his nation would apply to join the AIIB as a founding member. The announcement caught Washington completely off guard. It was clear Washington had not been notified.

"Then the Dam Burst". Five days later, Germany, France and Italy said they too would join China's Bank. They represent the World's fourth, sixth, eighth largest economies. Norway, Sweden, Finland, the Netherlands and Denmark filed for member-ship as well. Even South Korea and Taiwan - two nations very dependent on America for Geopolitical and military support, said they would join China's Bank. Australia recanted its recantation and said it would join the AIIB afterall. "The saga is turning into a diplomatic debacle for the U.S". By setting up and then losing a power struggle China, Washington has sent an unintended signal about the drift of power and influence in the 21st Century. Why has the world so drammatically spurned America?

According to the "Australian", President Obama turned the World Bank into a tool to push his climate change agenda. The bank was curtailing loans to developing nations to build fired power plants and pushing to buy more expensive types of power generation they could not afford. Into the resulting climate of resentment stepped China. Europe and the rest of the world just rushed through the gates to get a piece of the $50 billion pie, which has since increased to $100 billion, and which, due to the power of fractional reserve lending, will ultimately equate to more than $1 Trillion worth of activity. China says it envisions $6 Trillion worth of projects over the next few years. It has become impossible to ignore China's rise.

In 2010, China overtook the U.S to become the world biggest energy consumer. It doubled its energy usage in just 10 years. And in the past, being the world biggest consumer of fossil fuels was synonymous with being its dominant economy. Now it is the world's largest energy provider too. That same year, China passed America to become the world largest market for motor vechiles. Last year it become the world's largest importer of agricultural products. It consumed more cement in the past three years than America did in the entire 20th century. From its insatiable appetite for iron and copper to its unrivaled imports of gold bullion, China consumes more resources than anyone else.

Twenty-six nuclear power plants are under construction, almost half as many as currently exist in the U.S. The list goes on. The world has changed and almost nobody in America noticed. But outside America, nations are scrambling to catch a ride on the rising Chinese juggernaut, or at least get out of the way. The United States dominates the global financial system, and the dollar is the world's reserve currency. Geopolitically, the dollar dominance means it can force nations to comply with it's will, or as countries like Iran and North Korea have experienced, revert back to bartering to buy and sell products internationally. Yet greater power, particularly the real or perceived abuse of great power, leads to insurrection.

For example, in June 2014, the U.S Justice Dept fined French Bank BNP Paribas $8.9 Billion for using dollars to facilitate trade with Cuba and Iran. Even though the bank was not breaking any French law. America didn't like that. The Bank was forced to pay up or be locked out of the U.S money system - "a financial death sentence". The Bank paid, as did Britians standard chartered Bank, Germany's commerzbank and Switzerland UBS, among others. It is ironic that America is now eliminating sanctions on Iran and Cuba, just months after collecting record fines and pushing foreign banks to leave Cuba. But the undeniable result of this and similiar actions is a world looking for a new system that avoids the Dollar and U.S control. After years of endless wars, spying, debt, money printing, bailouts and insane regulations, the rest of the world has had enough and they are looking for an alternative. Enter China. The Global embrace of the AIIB is a massive coup for China. It is a huge step toward making the Yuan a reserve currency that could potentially compete with the dollar.

The Global embrace of China's AIIB has been a major embarra- sment to America. It dramatically highlights the loss of U.S power, prestige and political pull. But in terms of immediate threats to America's ability to project its economic power, a bigger blow is just around the corner. China is on the cusp of launching its long awaited international payment system. More importantly for some nations the new payment system will allow nations and companies to conduct transactions outside America's control. A very high official in the Finance Dept told a group of European Finance Ministers "the dollar is our currency, but its your problem". The World is finally taking action to fix this problem. The infrastructure is being built for a world without the United States, is a sign that although the U.S Dollar may appear strong right now, it's long term fundamentals are swiftly eroding, and with it, American power and prosperity.

The Groundwork for the World is being laid, the blows to America's economy might are descending rapidly and forcibly. Brace yourself: A new economic age is about to begin.

# Is-Soluzzjoni tal-Vjolenza

*minn Mark Montebello*

X'tagħmel ma' bniedem li jisfidak? Kif iġġib ruħek ma' persuna li tuża' s-setgħa tagħha fuqek biex tgħaddi tagħha? Kif twieġeb lil min jumiljak? X'tagħmel quddiem bniedem li jrid ibaxxik?

Dawn huma ċirkustanzi reali li jista' jkun ġejna xi ftit jew wisq wiċċ imb'wiċċ magħhom. Huma waqtiet li jheżżu l-fehmiet u t-twemmin tagħna dwar x'inqisu bħala tajjeb u xieraq quddiem il-vjolenza. Iqegħdulna quddiemna mistoqsijiet qawwija: Kif inwieġbu għall-vjolenza? Kif għandna nġibu ruħna quddiemha? X'inhi s-soluzzjoni tal-vjolenza?

Essenzjalment, il-vjolenza hija l-użu tal-forza fuq ħaddieħor jew fuq xi ħaġa. L-iskop ewlieni u aħħari tagħha huwa li ġġiegħel lil xi ħadd jew xi ħaġa jagħmel jew tagħmel dak li trid int u mhux dak li jrid hu jew hi. Ovvjament, il-vjolenza tiddispensa minn kull kunsens. Fuq kollox, tiddispensa mir-raġuni. Il-vjolenza tista' tkun ta' bosta għamliet (żgur mhux biss fiżika).

Xi wħud jemmnu li l-użu tal-vjolenza hu xi kultant ġustifikat, imqar f'sitwazzjonijiet rari u eċċezzjonali. Oħrajn, għalkemm dan ma jemmnuhx, isibu li l-vjolenza tista' tiġi magħfusa fuqhom bħala l-aħħar alternattiva disperanti. Kontra dawn, bosta jżommu li l-vjolenza ma hi qatt u taħt l-ebda ċirkustanza ġustibikabbli.

Jekk inqisu bħala raġunat il-prinċipju miżmum minn Platun li l-vjolenza tagħmel ħsara l-ewwel u qabel kollox, kif ukoll l-aktar, lil min jużaha (u mhux lil min jirċeviha), allura nistgħu faċilment nintebħu min, minn fost dawn li semmejna, għandu l-aktar raġun. Irridu nkunu boloh biex nixtiequ jew nagħmlu ħsara volontarja lilna nfusna. Ukoll jekk iebsa, f'ċirkustanzi ordinarji l-għażla tagħna tista' ma tkunx diffiċli wisq. Iżda x'jibqa' minnha f'oħrajn eċċezzjonali.

Jien dejjem insibni naħseb fuq dan l-eżempju estrem: nagħtu każ li kont ta' età imfarfra jew adulta f'nofs is-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor, u n-Nażi invadew lil Malta u bdew joqtlu addoċċ lil kulmin ifettlilhom, ... jien x'kont nagħmel? Kif kont inġib ruħi? X'pożizzjoni kont nieħu? Naqbel magħhom, le. Nikkoopera magħhom, anqas. Kont insibha ġo fija li nissieħeb mar-reżistenza (vjolenti)? Jew kont noqgħod bi kwieti, nipprova nibqa' ħaj u nsostni xi ideal nonvjolenti?

Lil Gandhi spiss kienu jistaqsuh kinetx taħdem il-filosofija tiegħu tan-nonvjolenza kontra l-aggressjoni ta' Hitler. Sostanzjalment, it-tweġiba ta' Gandhi dejjem kienet tkun f'żewġ partijiet. Waħda, li n-nonkooperazzjoni nonvjolenti hija għamla ta' azzjoni fuq tul ta' żmien u mhux xi arma li toħroġha biex tegħleb il-vjolenza ta' ħaddieħor. Tnejn, li n-nonkooperazzjoni nonvjolenti ma tfissirx li ma timplikax sagrifiċċji kbar (possibbilment anki l-mewt) għal min jipprattikaha.

Qiegħed ngħid dan għaliex spiss nisimgħu lil min iqiegħed f'miżien lil Hitler u lil Gandhi bħala rappreżentanti ta' żewġ poli opposti. Min jagħmel hekk narah ikun qiegħed jibbanalizza l-vjolenza ta' Hitler daqskemm in-nonvjolenza ta' Gandhi, jew ukoll ir-raġunijiet għala seħħew l-ewwel u t-tieni gwerer dinjija (bħalma wkoll kull gwerra oħra).

Iżda biex nerġa' niġi għall-eżempju ta' Malta okkupata min-Nażi, naħseb li fiċ-ċirkustanzi dmiri kien ikun li nfixkel lin-Nażi kemm jista' jkun mingħajr ma noqtol lil ħadd. Naħseb li, fl-istess ħin, kont b'kull mezz possibbli nagħmel il-qalb lill-vittmi u nipprova nikkonvinċi lin-Nażi jieqfu mill-vjolenza.

Iżda li noqtol lil min irid joqtolni naraha bħala kontradizzjoni daqskemm li (f'ċirkustanzi anqas gravi) nuża l-vjolenza biex imwaqqaf il-vjolenza. Kif nista' ma nkunx kontradittorju jekk ningħata għal dak li fl-istess nifs qiegħed nikkundanna? ... Dan minkejja d-dgħufija tal-bniedem vjolenti li jien minħabba t-trobbija tiegħi f'soċjetà vjolenti u d-dispożizzjoni Mediterranja (kemmxejn irraxxibbli) tan-natural tiegħi.

Apparti l-ġlied immedjat kontra l-vjolenza, jidhirli li hu bil-wisq aktar meħtieġ u raġunat li nagħtu aktar siwi—ħafna aktar—lit-trobbija tal-kultura tal-paċi (xi ftit jew wisq kif kien iżomm Gandhi). Kundizzjonijiet ta' vjolenza llum jew għada jġibu l-vjolenza; kundizzjonijiet ta' paċi jġibu l-paċi.

Kif diġà ssuġġerejt, kemm f'pajjiżna nħejju għal kultura bħal din hu dubjuż ħafna. Aħna aktarx nittrabbew midħla ta' ħafna suriet ta' vjolenza li jidħlu f'demmna. Il-vjolenzi fiżiċi, sesswali, emozzjonali, psikoloġiċi, spiritwali, kulturali, verbali u oħrajn, huma hekk parti mit-trobbija normali tagħna li titkexkex jekk taħseb fuq it-taħlita li jagħmlu flimkien.

Għaldaqstant, jista' jkun li wieħed jifhem għala l-ewwel li jiġi f'moħħna quddiem il-vjolenza jew it-theddida tagħha huwa li nwieġbu bil-vjolenza. Jew ukoll li nqisu xi għamla ta' vjolenza bħala soluzzjoni għall-vjolenza. X'tista' tistenna minn nies vjolenti mrobbijin fil-vjolenza u disposti għall-vjolenza?

Iżda jekk nemmnu li qatt ma hu raġunat, sensat jew prattiku li nużaw il-forza fuq ħaddieħor jew li nġiegħlu lil xi ħadd jagħmel jew tagħmel bilfors dak li rridu aħna—l-istess bħalma ma rridux li ħaddieħor jagħmel hekk magħna—allura rridu nerġgħu naħsbuha qabel ma nagħżlu l-vjolenza bħala xi soluzzjoni għall-vjolenza.

# Il-Missier Ġenetiku

Xi ħadd darba qal li l-bniedem ħalaq lil Kreatur fuq l-imaġini tiegħu. Naħseb li min qal hekk kellu punt, għax ħafna drabi dak li jogħġob lilna, nħossu li hu dak li jogħġob lil krejatur.

Hekk hemm min għandu fiduċja għamja fil-missier ġenetiku u jaħseb li l-kreatur għandu l-istess simpatija lejn il-missier ġenetiku. Jinsew li l-krejatur, barra mil-bniedem, ħoloq lill- kukkudrilli u xi speċi oħra, fejn l-'omm' kukkudrilla mhux talli ma tistriħx fuq il-missier ġenetiku, talli trid tiddefendi lil uliedha mil-missier ġenetiku għax dan biex jiekol lit-tfal ma jrid xejn.

Nammetti li ħafna ommijiet jixtiequ li uliedhom ikunu esposti għal figura ta' missier. Biss nemmen, din il-figura ma' hemmx bżonn tkun tal-missier ġenetiku. Ħafna drabi xi nannu, ziju, missier adottiv, missier tar-rispett u saħansitra xi ġar impenjattiv jistgħu jimlew din il-kariga wisq aħjar minn xi missier ġenetiku.

Issib missirijiet ġenetiċi li jkollhom kwalitajiet il-vera koroh, bħal ngħidu aħna jkunu vjolenti. F'każi bħal dawn iktar mat-tfal jinżammu bogħod mill-ġenetur ġenetiku, iktar aħjar.

Il-ġenetur ġenetiku u l-wild mhux bil-fors ikunu kompatibli. Tista' issib wild li ħareġ jixbaħ xi bużnannu li kien għamel il-ħajja tal-missier ġenetiku il-vera diffiċli, u ma dana kollu il-missier ġenetiku u l-wild iridu jgħixu flimkien, meta huma tant inkompatibbli.

Biss issib xi nies bla qalb, li jweħluha f'ras tfal innoċenti, li huma għandhom xi ħaġa nieqsa għax huma mrobbijin minn nannu etċ. Huwa minħabba dawn in-nies bla qalb li jimponu ċerti standards bħala idejal, li ċerti tfal jgħaddu minn trawma.
F'soċjetà fejn il-valuri huma aktar miftuħa, li xi wħud isejħulha 'soċjetà selvaġġa', tfal li mhumiex mrobbijin minn missierijiet bijoloġiċi ma jgħaddu mill-ebda trawma.

**Josephine Gatt-Ciancio**
**Kalkara**


## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:
------------------------------------------------------------------------
Indirizz:
------------------------------------------------------------------------
Emejl:
------------------------------------------------------------------------
Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***